REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 460/2011

tat-12 ta' Mejju 2011

li jemenda l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-klorantraniliprol (DPX E-2Y45) fiz-zunnarija jew fuqha

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 18(4) tiegħu,

Billi:

(1) Għall-klorantraniliprol (DPX E-2Y45) il-LMR huma stipulati fil-Parti A tal-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [2], fit-23 ta' Awwissu 2010 Franza nnotifikat lill-Kummissjoni dwar l-awtorizzazzjoni temporanja ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li għandu l-klorantraniliprol (DPX E-2Y45) biex jintuża fuq iz-zunnarija biex jikkontrolla l-insetti taz-zunnarija, periklu li ma kienx previst u ma setax jitrażżan mod ieħor. Konsegwentement, Franza nnotifikat lill-Istati Membri l-oħra, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 li hija awtorizzat it-tqegħid fis-suq fit-territorju tagħha ta' zunnarija li għandha fdalijiet tal-pestiċidi ogħla mill-LMR applikabbli. Franza ressqet ukoll valutazzjoni xierqa tar-riskju li tikkonkludi li tali zunnarija ma tikkostitwixxix riskju inaċċettabbli, b'mod partikolari li l-livell propost ta' residwi li żdiedu ma hu tal-ebda riskju għall-konsumaturi.

(3) L-Awtorità eżaminat il-valutazzjoni tar-riskju mressqa minn Franza, fejn eżaminat b'mod partikolari r-riskji għall-konsumatur u fejn relevanti għall-annimali. L-Awtorità tat opinjoni motivata fuq il-LMR propost [3]. F'din l-opinjoni l-Awtorità sabet il-LMR propost aċċettabbli fir-rigward tas-sikurezza tal-konsumatur fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-esponiment tal-konsumatur għal 27 grupp speċifiku ta' konsumaturi Ewropej.

(4) Imsejsa fuq l-opinjoni motivata tal-Awtorità u b'konsiderazzjoni tal-fatturi relevanti mas-suġġett, huwa kkunsidrat li l-LMR propost jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
[2] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

[3] Ir-rapport xjentifiku tal-EFSA huwa disponibbli f'http://www.efsa.europa.eu:
Reasoned opinion of EFSA: Modification of the existing MRL for chloranthraniliprole in carrots. *EFSA Journal* 2010; 8(10): 1859. Ippubblikata: 11 ta' Ottubru 2010. Adottata: 8 ta' Ottubru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-kolonna għall-klorantraniliprol (DPX E-2Y45) hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)**

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li l-MRLs japplikaw għalihom [a]	Chlorantraniliprole (DPX E-2Y45)
(1)	(2)	(3)
0100000	1. **FROTT FRISK JEW IFFRIŻAT; ĠWIEŻ**	
0110000	(i) **Frott taċ-ċitru**	0,01 (*)
0110010	Grejpfrut (Shaddocks, pomelos, sweeties, tangelo (minbarra l-minneola), ugli u ibridi oħra)	
0110020	Larinġ (Bergamott, larinġ qares, kinotto u ibridi oħra)	
0110030	Lumi (Tronġ, lumi)	
0110040	Xkomp (lajm)	
0110050	Xkomp (lajm)	
0110990	Oħrajn	
0120000	(ii) **Ġwież tas-siġar (bil-qoxra jew mingħajrha)**	0,05
0120010	Lewż	
0120020	Gewż tal-Brażil	
0120030	Kexjus jew ġwież ta' l-anakardju	
0120040	Qastan	
0120050	Ġewż ta' l-Indi (coconut)	
0120060	Ġellewż (Filbert)	
0120070	Macadamia	
0120080	Ġewż Amerikan (pecans)	
0120090	Ġwież ta' l-arznu (pine nuts)	
0120100	Pistaċċi	
0120110	Ġewż	
0120990	Oħrajn	

(1)	(2)	(3)
0130000	(iii) **Frott taż-żerriegħa**	0,5
0130010	Tuffieħ (Tuffieħ selvaġġ (Malus sylvestris))	
0130020	Lanġas (Lanġas Orjentali)	
0130030	Sfarġel	
0130040	Naspli	
0130050	Loquat	
0130990	Oħrajn	
0140000	(iv) **Frott tal-għadma**	1
0140010	Berquq	
0140020	Ċiras (Ċiras ħelu, ċiras qares)	
0140030	Ħawħ (Nuċiprisk u ibridi simili)	
0140040	Għanbaqar (Pruna għanbaqra, mirabelle, pruna salvaġġa)	
0140990	Oħrajn	
0150000	(v) **Frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor**	
0151000	(a) *Għeneb tal-ikel u għall-inbid*	1
0151010	Għeneb ta' l-ikel	
0151020	Għeneb għall-inbid	
0152000	(b) *Frawli*	0,01 (*)
0153000	(c) *Frott tal-kannamiela*	0,01 (*)
0153010	Tut	
0153020	Dewberries (Loganberries, Boysenberries, u cloudberries)	
0153030	Lampun (Wineberries, għollieq tal-Artiku/lampun, (Rubus arcticus), nectar raspberries (Rubus arcticus x idaeus))	
0153990	Oħrajn	

(1)	(2)	(3)
0154000	(d) *Frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor*	0,01 (*)
0154010	Blueberries (Mirtill)	
0154020	Cranberries (għeneb tal-muntanja (bilberries/mirtill aħmar))	
0154030	Passolina (ħamra, sewda jew bajda)	
0154040	Ribes (Inklużi l-ibridi ma' speċi oħra ta' ribes)	
0154050	Warda Skocciża	
0154060	Ċawsli (arbutus berry)	
0154070	Azarole (naspla Mediterranja) (Kiwiberry (Actinidia arguta))	
0154080	Elderberries (frott is-sebuqa) (Black chokeberry (appleberry), mountain ash, azarole, buckthorn (sea sallowthorn), hawthorn, service berries, u frott tal-bosk ieħor)	
0154990	Oħrajn	
0160000	(vi) **Frott mixxellanju**	0,01 (*)
0161000	(a) *Qoxra li tittiekel*	
0161010	Tamar	
0161020	Tin	
0161030	Żebbuġ tal-mejda	
0161040	Kumquat (Marumi kumquats, nagami kumquats, limequats (Citrus aurantifolia x Fortunella spp.))	
0161050	Karambola (Bilimbi)	
0161060	Frotta tal-kaki	
0161070	Jambolan (java plum), (Tuffieħa ta' Ġava (water apple), pomerac, rose apple, ċirasa Brażiljana ċirasa tas-Surinam (grumichama Eugenia uniflora))	
0161990	Oħrajn	
0162000	(b) *qoxra li ma tittikilx, żgħira*	
0162010	Kiwi	
0162020	Liċċi (lychee) (Pulasan, rambutan (liċċi bis-suf), mangosteen)	
0162030	Frotta tal-passjoni	

(1)	(2)	(3)
0162040	Bajtar tax-xewk	
0162050	Star apple	
0162060	Frotta tal-kaki (Kaki tal-Virġinja) (Sapote sewda, bajda, ħadra, safra (canistel), u mammey)	
0162990	Oħrajn	
0163000	(c) *qoxra li ma tittikilx, kbira*	
0163010	Avokado	
0163020	Banana (Banana nanija, pjantaġġni, bananito)	
0163030	Mango	
0163040	Papaja	
0163050	Rummien	
0163060	Ċerimoja (Custard apple, sugar apple (sweetsop) , llama u Annonnaceae oħra ta' daqs medju)	
0163070	Gwava (Pitaja ħamra jew ħelwa (Hylocereus undatus))	
0163080	Ananas	
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż (Jackfruit)	
0163100	Durian	
0163110	Il-frotta ta' l-annona (guanbana),	
0163990	Oħrajn	
0200000	2. **ĦAXIX FRISK JEW IFFRIŻAT**	
0210000	(i) **Ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi**	
0211000	(a) *Patata:*	0,02
0212000	(b) *ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi*	0,02
0212010	Kassava (Dasheen, eddoe (Japanese taro), tannia)	
0212020	Patata ħelwa	
0212030	Ġamm (Potato bean (yam bean), Mexican yam bean)	

(1)	(2)	(3)
0212040	Ararut	
0212990	Oħrajn	
0213000	(c) *Ħxejjex oħra ta' l-għeruq u tat-tuberi minbarra pitravi*	
0213010	Pitravi	0,02
0213020	Karotti	**0,08 (+)**
0213030	Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	0,02
0213040	Għerq il-mustarda (L-għeruq tal-anġelika, tal-lovage, tal-ġenzjana)	0,02
0213050	Artiċokks	0,02
0213060	Zunnarija bajda	0,02
0213070	Għerq it-tursin	0,02
0213080	Ravanell (Ravanell iswed, ravanell Ġappuniż, ravanell żgħir u varjetajiet simili, tiger nut (Cyperus esculentus))	0,02
0213090	Sassefrika (Scorzonera, sassefrika Spanjola (Spanish oysterplant))	0,02
0213100	Rutabaga	0,02
0213110	Turnip (xorta ta' Brassica)	0,02
0213990	Oħrajn	0,02
0220000	(ii) **Ħxejjex tal-basla**	0,01 (*)
0220010	Tewm	
0220020	Basal (Basal silverskin)	
0220030	Shallots	
0220040	Basal tar-rebbiegħa (Basla ta' Wales u varjetajiet simili)	
0220990	Others	
0230000	(iii) **Ħxejjex tal-frott**	
0231000	(a) *Solanacea*	
0231010	Tadam (Tadam ċiras, tadam tas-siġra, il-Fisalis, il-goġiberri, il-wolfberry (Lycium barbarum u L. chinense))	0,6

(1)	(2)	(3)
0231020	Bżar (Bżar aħmar)	1
0231030	Brunġiel (Pepino)	0,6
0231040	Okra	0,6
0231990	Oħrajn	0,6
0232000	(b) *Cucurbits – qoxra li tittiekel*	0,3
0232010	Ħjar	
0232020	Hjar żgħar (gherkins)	
0232030	Zukkini (Summer squash, qara' (patisson))	
0232990	Oħrajn	
0233000	(c) *Cucurbits-qoxra li ma tittikilx*	0,3
0233010	Bettieħ (Kiwano)	
0233020	Qara' (Qargħa ħamra)	
0233030	Dulliegħ	
0233990	Oħrajn	
0234000	(d) *Qamħ ħelu (Sweet corn)*	0,2
0239000	(e) *Ħxejjex tal-frott oħra*	0,2
0240000	(iv) **Ħxejjex tal-ġenus brassica**	
0241000	(a) *Brassica bil-fjuri*	
0241010	Brokkoli (Calabrese, brokkoli Ċiniżi, broccoli raab)	1
0241020	Pastard	0,01 (*)
0241990	Oħrajn	0,01 (*)
0242000	(b) *Rjus tal-brassica*	
0242010	Brussels sprouts	0,01 (*)
0242020	Ġidra (Kaboċċa bir-ras ippuntata, kaboċċa ħamra, kaboċċa mfelfla (savoy), kaboċċa bajda)	2

(1)	(2)	(3)
0242990	Oħrajn	0,01 (*)
0243000	(c) *Brassica bil-weraq*	20
0243010	Kaboċċi Ċiniżi (Mustarda Indjana (Ċiniża) pak choi, kaboċċa ċatta Ċiniża (tai goo choi), kaboċċa ta' peking (pe-tsai))	
0243020	Kale (Borecole (kale innukklat) collards, Kale Portugiż, Kaboċċa Portugiża, cow cabbage)	
0243990	Oħrajn, inkluż in-naħat ta' fuq tat-turnips	
0244000	(d) *Kohlrabi*	0,01 (*)
0250000	(v) **Ħxejjex tal-weraq u ħwawar friski**	20
0251000	(a) *Ħass u pjanti oħra tal-insalata inkluż il-Brassicacea*	
0251010	Valerjanella (Cornsalad Taljan)	
0251020	Ħass (Ħass ikkaboċċjat, lollo rosso, ħass iceberg, ħass romaine (cos))	
0251030	Scarole (indivja tal-werqa wiesgħa) (Ċikwejra selvaġġa, ċikwejra tal-werqa ħamra, radicchio, indivja tal-weraq innukklat, sugar loaf)	
0251040	Ħabirxa	
0251050	Krexxun	
0251060	Rukola (Aruka selvaġġa)	
0251070	Mustarda ħamra	
0251080	Għeruq u rimi of Brassica spp. (Mizuna, weraq tal-piselli u tar-ravanell u pjanti oħra tal-familja brassica bil-weraq żgħir (pjanti li jinħasdu sal-istadju fejn ikollhom l-ewwel 8 werqat))	
0251990	Oħrajn	
0252000	(b) *Spinaċi u smili (weraq)*	
0252010	Spinaċi (Spinaċi tan-New Zealand, spinaċi amaranthus)	
0252020	Burdlieqa (Burdlieqa tax-xitwa (miner's lettuce), burdlieqa tal-ġonna, burdlieqa komuni, ħaxixa Ingliża glasswort, Krexxuni (Salsola soda))	
0252030	Weraq tal-pitravi chard (Weraq tal-pitravi)	
0252990	Oħrajn	

(1)	(2)	(3)
0253000	(c) *Weraq tad-dielja*	
0254000	(d) *Krexxuni tal-ilma*	
0255000	(e) *Witloof*	
0256000	(f) *Ħwawar*	
0256010	Maxxita/Sorfolja	
0256020	Kurrat selvaġġ	
0256030	Weraq tal-karfus (Weraq tal-bużbież, weraq tal-kosbor, weraq tax-xibt, weraq tal-ħlewwa, lovage, anġelika, sweet cicely u Apiacea oħrajn.)	
0256040	Tursin	
0256050	Salvja (Sagħtrija (Satureia hortensis, Satureia montana))	
0256060	Klin	
0256070	Sagħtar (Merdqux, riegnu)	
0256080	Ħabaq (Weraq tal-balzmu, pepermint, nagħniegħ)	
0256090	Rand	
0256100	Stragun (Issopu)	
0256990	Oħrajn (Fjuri li jittieklu)	
0260000	(vi) **Legumi (friski)**	0,01 (*)
0260010	Fażola (bil-miżwed) (Fażola ħadra, fażola ħamra tixxeblek, slicing bean, yard-long beans)	
0260020	Fażola (bla miżwed) (Ful, flageolets, jack bean, lima bean, cowpea)	
0260030	Piżelli (bil-miżwed) (Mangetout)	
0260040	Piżelli (bla miżwed) (Piżelli tal-ġnien, piżelli ħodor, ċiċri)	
0260050	Lentils	
0260990	Oħrajn	
0270000	(vii) **Ħxejjex biz-zokk (friski)**	
0270010	Asparagu	0,01 (*)
0270020	Kardun	0,01 (*)

(1)	(2)	(3)
0270030	Karfus	10
0270040	Bużbież	0,01 (*)
0270050	Qaqoċċ	0,01 (*)
0270060	Kurrat	0,01 (*)
0270070	Rubarbru	0,01 (*)
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu	0,01 (*)
0270090	Qlub tal-palma	0,01 (*)
0270990	Oħrajn	0,01 (*)
0280000	(viii) **Fungi**	0,01 (*)
0280010	Ikkultivati (Faqqiegħ komuni, Oyster mushroom, Shi-take)	
0280020	Selvaġġi (Chanterelle, Tartuf, More, Cep)	
0280990	Oħrajn	
0290000	(ix) **Algi**	0,01 (*)
0300000	3. **ŻRIERAGĦ TAL-LEGUMI MNIXXFA**	0,01 (*)
0300010	Fażola u ful (Ful, navy beans, flageolets, jack beans, lima beans, field beans, cowpeas)	
0300020	Lentils	
0300030	Piżelli (Ċiċri, piżelli, ġulbiena)	
0300040	Lupini	
0300990	Oħrajn	
0400000	4. **ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**	
0401000	(i) **Żrieragħ taż-żejt**	
0401010	Kittien	0,01 (*)
0401020	Karawett	0,01 (*)
0401030	Żerriegħet il-pepprin	0,01 (*)
0401040	Żerriegħet il-ġunġlien	0,01 (*)
0401050	Żerriegħet il-ġirasol	0,01 (*)

(1)	(2)	(3)
0401060	Żerriegħet il-lift (Żerriegħet il-lift tal-għasafar, turnip rape)	0,01 (*)
0401070	Żerriegħet is-sojja	0,01 (*)
0401080	Żerriegħet il-mustarda	0,01 (*)
0401090	Żerriegħet il-qoton	0,3
0401100	Żerriegħa tal-qargħa ħamra (Żrieragħ oħrajn tal-cucurbitacea)	0,01 (*)
0401110	Għosfor	0,01 (*)
0401120	Fidloqqom	0,01 (*)
0401130	Gold of pleasure	0,01 (*)
0401140	Qanneb	0,01 (*)
0401150	Castor bean	0,01 (*)
0401990	Oħrajn	0,01 (*)
0402000	(ii) **Frott taż-żejt**	0,01 (*)
0402010	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt	
0402020	Ġewż tal-palm (qlub biż-żejt tal-palm)	
0402030	Frott il-palm	
0402040	Kapok	
0402990	Oħrajn	
0500000	5. **ĊEREALI**	0,02
0500010	Xgħir	
0500020	Qamħ Saraċin (Amaranthus, quinoa)	
0500030	Mais	
0500040	Millieġ (Millieġ foxtail, teff)	
0500050	Ħafur	
0500060	Ross	
0500070	Segala	

(1)	(2)	(3)
0500080	Sorgu	
0500090	Qamħ (Spelt, triticale)	
0500990	Oħrajn	
0600000	6. **TE, KAFE, INFUŻJONIJIET ERBALI U KAKAW**	0,02 (*)
0610000	(i) **TE (weraq u zkuk imnixxfa, iffermentat jew mhux tal-Camellia sinensis)**	
0620000	(ii) **Żrieragħ tal-kafè**	
0630000	(iii) **Infużjonijiet erbali (imnixxfa)**	
0631000	(a) *Fjuri*	
0631010	Fjuri tal-kamomilla	
0631020	Fjuri tal-ħibiskus	
0631030	Petali tal-ward	
0631040	Fjuri tal-verbena (Fjuri tas-sebuqa (Sambucus nigra))	
0631050	Xkomp (linden)	
0631990	Oħrajn	
0632000	(b) *Weraq*	
0632010	Weraq tal-frawli	
0632020	Weraq tar-rooibos (Weraq tal-ġingo)	
0632030	Maté	
0632990	Oħrajn	
0633000	(c) *Għeruq*	
0633010	Għerq il-valerjana	
0633020	Għerq il-ġinseng	
0633990	Oħrajn	
0639000	(d) *Infużjonijiet erbali oħra*	

(1)	(2)	(3)
0640000	(iv) **Kakaw (żrieragħ iffermentati)**	
0650000	(v) **Ħarrub**	
0700000	7. **ĦOPS (imnixxfa), inklużi pelits tal-ħops u trab mhux ikkonċentrat**	0,02 (*)
0800000	8. **ĦWAWAR**	0,02 (*)
0810000	(i) **Żrieragħ**	
0810010	Ħlewwa	
0810020	Ħlewwa sewda	
0810030	Żerriegħa tal-karfus (Lovage seed)	
0810040	Żerriegħa tal-kosbor	
0810050	Kemmun	
0810060	Żerriegħa tax-xibt	
0810070	Żerriegħa tal-bużbies	
0810080	Fienu	
0810090	Noċimuskata	
0810990	Oħrajn	
0820000	(ii) **Frott u berries**	
0820010	Bżar tal-Ġamajka (allspice)	
0820020	Bżar tal-ħlewwa (Bżar tal-Ġappun)	
0820030	Ħlewwa (Caraway)	
0820040	Kardamom	
0820050	Ġnibru	
0820060	Bżar, iswe u abjad (bżar twil, bżar roża)	
0820070	Imżiewed tal-vanilla	
0820080	Tamarind (tamar ta' l-Indja)	
0820990	Oħrajn	

(1)	(2)	(3)
0830000	(iii) **Qoxra**	
0830010	Kannella (Cassia)	
0830990	Oħrajn	
0840000	(iv) **Għeruq jew riżomi**	
0840010	Għud is-sus/likwirizja	
0840020	Ġinger	
0840030	Żagħfran ta' l-Indja/kurkuma	
0840040	Ravanell (horse-radish)	
0840990	Oħrajn	
0850000	(v) **Rimi**	
0850010	Imsiemer tal-qronfol	
0850020	Kappar	
0850990	Oħrajn	
0860000	(vi) **Stigma tal-fjuri**	
0860010	Żagħfran	
0860990	Oħrajn	
0870000	(vii) **Aril (kisjet iż-żerriegħa)**	
0870010	Il-qoxra barranija tan-noċemoskata	
0870990	Oħrajn	
0900000	9. **PJANTI TAZ-ZOKKOR**	
0900010	Weraq tal-pitravi chard	0,02
0900020	Kannamieli taz-zokkor	0,01 (*)
0900030	Għeruq taċ-ċikwejra	0,02
0900990	Oħrajn	0,01 (*)

(1)	(2)	(3)
1000000	10. **PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TAL-ART**	0,01 (*)
1010000	(i) **Laħam, preparazzjonijiet ta' laħam, interni, demm, xaħmijiet tal-annimali frisk, imkessaħ jew iffriżat, immellaħ fis-salmura, imnixxef jew iffumigat jew ipproċessat fi dqiq jew pasti - prodotti pproċessati oħra bħaz-zalzett u preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuq dawn**	
1011000	(a) *Ħnieżer*	
1011010	Laħam	
1011020	Xaħam mingħajr dgħif	
1011030	Fwied	
1011040	Kliewi	
1011050	Interni li jittieklu	
1011990	Oħrajn	
1012000	(b) *Bovini*	
1012010	Laħam	
1012020	Xaħam	
1012030	Fwied	
1012040	Kliewi	
1012050	Interni li jittieklu	
1012990	Oħrajn	
1013000	(c) *Nagħaġ*	
1013010	Laħam	
1013020	Xaħam	
1013030	Fwied	
1013040	Kliewi	
1013050	Interni li jittieklu	
1013990	Oħrajn	
1014000	(d) *Mogħoż*	
1014010	Laħam	
1014020	Xaħam	

(1)	(2)	(3)
1014030	Fwied	
1014040	Kliewi	
1014050	Interni li jittieklu	
1014990	Oħrajn	
1015000	(e) *Żwiemel, ħmir, bgħula jew ħinnies*	
1015010	Laħam	
1015020	Xaħam	
1015030	Fwied	
1015040	Kliewi	
1015050	Interni li jittieklu	
1015990	Oħrajn	
1016000	(f) *Tjur tar-razzett - tiġieġ, wiżż, papri, dundjani u fargħuni, ngħam, ħamiem*	
1016010	Laħam	
1016020	Xaħam	
1016030	Fwied	
1016040	Kliewi	
1016050	Interni li jittieklu	
1016990	Oħrajn	
1017000	(g) *Annimali oħra tar-razzett/farm (Fenek, kangarù)*	
1017010	Laħam	
1017020	Xaħam	
1017030	Fwied	
1017040	Kliewi	
1017050	Interni li jittieklu	
1017990	Oħrajn	

(1)	(2)	(3)
1020000	(ii) **Ħalib u krema, mhux ikkonċentrati, u lanqas ma fihom zokkor jew ħlewwiet miżjuda, butir jew xaħmijiet oħra li ġejjin mill-ħalib, mill-ġobon jew mill-baqta**	
1020010	Bhejjem ta' l-ifrat	
1020020	Nagħaġ	
1020030	Mogħoż	
1020040	Żiemel	
1020990	Oħrajn	
1030000	(iii) **Bajd tal-għasafar, frisk, ippriservat, jew imsajjar; Bajd bil-qoxra u isfar tal-bajd friski, imnixxfa, imsajra bil-fwar jew mgħollija fl-ilma, iffurmati, iffriżati jew ippreżervati mod ieħor, fihom jew ma fihomx żokkor jew ħlewwiet miżjuda**	
1030010	Tiġieġ	
1030020	Papra	
1030030	Wiżż	
1030040	Summiena	
1030990	Oħrajn	
1040000	(iv) **Għasel (Pappa rjali, polline)**	
1050000	(v) **Anfibi u rettili (Saqajn taż-żrinġijiet, kukkudrilli)**	
1060000	(vi) **Bebbux**	
1070000	(vii) **Prodotti minn annimali tal-art oħra**	

([a]) Ghal-lista shiha ta' prodotti ta' oriġini mill-pjanti u l-annimali li l-MRLs japplikaw ghalihom, ghandha ssir referenza għall-Anness I.
(*) Jindika limitu iktar baxx ta' determinazzjoni analitika

Chlorantraniliprole (DPX E-2Y45)

(+) 0213020	**Karotti**	

Dan il-LMR japplika sal-31 ta' Diċembru 2012. Wara dakinhar, jibda japplika l-0.02, sakemm ma jiġix immodifikat minn Regolament."